

It-tnaqqis tal-qgħad: X'inhi l-funzjoni tal-UE?

Wara tnaqqis kostanti mill-2013, fl-2020, il-pandemija wasslet għal żieda fil-qgħad tal-UE. Skopri kif l-UE taħdem biex tnaqqas il-qgħad u tiġġieled il-faqar.



Li tfittex xogħol tista' tkun sfida © AP Images/Unjoni Ewropea – PE

Għalkemm il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE u d-drittijiet tal-ħaddiema tjebru b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, il-ġlieda kontra l-qgħad u l-konsegwenzi [tal-kriżi tal-COVID](#) jibqgħu sfidi ewlenin għall-Unjoni Ewropea fit-triq tagħha lejn impjegi ta' kwalità u [Ewropa soċjalment inklużiva](#).

Tgħallem aktar dwar [kif l-UE tiproteġi l-impjegi u l-ħaddiema affettwati mill-pandemija tal-coronavirus](#).

Saru sforzi f'għadd ta' oqsma, inkluż biex jgħinu liż-zgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol, jiġġieldu

I-qgħad fit-tul, jaġġornaw il-ħiliet tagħhom u jiffaċilitaw il-mobilità tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea.

Ir-rata tal-qgħad fl-UE

F'April 2021, ir-rata tal-qgħad fiż-żona tal-Euro kienet ta' 8%, li jfisser li naqqset minn 8.1% f'Marzu 2021 u żdiedet minn 7.3% f'April 2020.

L-UE vs il-kompetenzi tal-Istati Membri

Il-pajjiżi tal-UE għadhom primarjament responsabbli għall-politiki tal-impjieg u l-politiki soċjali. Madankollu, l-UE tikkomplementa u tikkordina l-azzjonijiet tal-Istati Membri u tippromwovi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Skont [l-Artikolu 9](#) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-UE għandha tikkunsidra l-oġettiv ta' livell għoli ta' impjieg meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet kollha tagħha.

L-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjieg

Fl-1997, il-pajjiżi tal-UE stabbilew sett ta' oġettivi u miri komuni għall-politika tal-impjieg, biex jiġġieldu l-qgħad u joħolqu aktar impjieg u impjieg aħjar fl-UE, magħrufa wkoll bħala [l-istrateġija Ewropea għall-impjieg](#) (EES).

Il-Kummissjoni tissorvelja u timplimenta l-istrateġija permezz tas-[Semestru Ewropew](#), ċiklu annwali ta' koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u tal-impjieg fil-livell tal-UE.

Fil-kuntest tas-Semestru tal-UE u abbażi tal-[Linji Gwida dwar l-Impjieg](#) - prijoritajiet u miri komuni għall-politiki nazzjonali dwar l-impjieg - tiġi evalwata s-sitwazzjoni soċjali u tal-impjieg fl-Ewropa. Sabiex l-Istati Membri jiġu meġġuna jimxu 'l quddiem, il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, abbażi tal-progress tagħhom lejn kull għan.

Kif isir il-finanzjament?

Il-[Fond Soċjali Ewropew](#) (FSE) huwa l-istrument ewlieni tal-Ewropa biex tiżgura opportunitajiet ta' xogħol aktar ġusti għaċ-ċittadini kollha tal-UE - ħaddiema, żgħażaġ u dawk kollha li qed ifittxu impjieg.

Il-Parlament Ewropew ippropona li jiżdied il-finanzjament fil-[baġit fit-tul tal-UE għall-perjodu 2021-2027](#). Il-verżjoni l-ġdida tal-fond, magħrufa bħala l-[Fond Soċjali Ewropew Plus](#) (FSE+), b'baġit ta' EUR 88 biljun tiffoka fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll fuq l-aċċess ugwali għal impjiegi ta' kwalità, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar.

Il-[Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali](#) (EaSI) għandu l-għan li jgħin biex il-politiki tal-impjieg u l-politiki soċjali jiġu modernizzati, jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal intrapriżi soċjali jew għal persuni vulnerabbli li jixtiequ jiffurmaw mikrointrapriża u jippromwovi l-mobilità tal-forza tax-xogħol permezz tan-[networkEURES](#). In-Network tal-Impjiegi Ewropej jiffaċilita l-mobilità billi jipprovdi informazzjoni lill-impjegati u lill-persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol u għandu wkoll bażi ta' data għall-postijiet tax-xogħol vakanti u applikazzjonijiet fl-Ewropa kollha.

Il-[Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni](#) (FEG) jappoġġja lill-ħaddiema li jtilfu xogħolhom minħabba l-globalizzazzjoni, peress li l-kumpaniji jaf jagħlqu jew imexxu l-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi terzi, jew minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, biex isibu xogħol ġdid jew jistabilixxu n-negozji tagħhom.

Il-[Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn](#) (FEAD) jappoġġja l-inizjattivi tal-Istati Membri biex jipprovdu ikel, għajnuna materjali bażika u attivitajiet ta' inklużjoni soċjali lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

Il-verżjoni aġġornata tal-FSE+ tgħaqqad (il-FSE, l-EaSI, il-FEAD u l-Inizjattiva favur l-impjieg taż-[Żgħażaġħ](#)) u tipprovdi appoġġ aktar integrat u mmirat liċ-ċittadini.

Il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh

Fost il-miżuri tal-UE għall-ġlieda kontra l-[qgħad fost iż-żgħażaġh](#) hemm il-[Garanzija għaż-Żgħażaġħ](#), impenn mill-Istati Membri li jiżgura li iż-żgħażaġh kollha li għandhom anqas minn 30 sena jirċievu offerta għal impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jtilfu l-impjieg jew minn meta jħallu l-edukazzjoni formali. L-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażaġħ hija appoġġjata mill-investiment tal-UE, permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-[Żgħażaġħ](#).

Il-[Korp Ewropew ta' Solidarjetà](#) jippermetti liż-żgħażaġh jagħmlu volontarjat u jaħdmu fi proġetti relatati mas-solidarjetà fl-Ewropa kollha. Il-[pjattaforma "L-ewwel impjieg EURES tiegħek"](#) tgħin liż-żgħażaġh li għandhom bejn it-18 u l-35 sena u interessati li jiksbu esperjenza professjonali barra minn pajjiżhom, isibu kollokament tax-xogħol, traineeship jew apprendistat.

Il-ħiliet tajbin iwasslu għal impjieg tajjeb

Permezz tal-promozzjoni u t-titjib tal-ksib tal-ħiliet, li jagħmlu l-kwalifiki aktar komparabbli u jipprovdu informazzjoni dwar id-domanda għall-ħiliet u l-impjieg, l-UE tappoġġja liċ-ċittadini biex isibu impjegi ta' kwalità tajba u jagħmlu għażliet aħjar għall-karriera.

L-**Aġenda Ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa**, immedija fl-2016, tikkonsisti f'10 azzjonijiet ewlenin li għandhom l-għan li t-taħriġ u l-appoġġ it-tajbin ikunu disponibbli għan-nies u li jirrevedu għadd ta' għodod eżistenti (bħas-CV fil-format Ewropew Europass).



Filmat

https://multimedia.europarl.europa.eu/en/video/v_N01-PUB-180905-WORK

L-isfida li jiġi indirizzat il-qgħad fit-tul

Il-qgħad fit-tul (persuni li ilhom bla xogħol għal aktar minn 12-il xahar), wieħed mill-kawżi ta' faqar persistenti, **għadu għoli ħafna** f'xi Stati Membri, u għadu jammonta għal kważi **50% tal-qgħad totali**.

Biex jintegraw aħjar il-persuni qiegħda għal żmien twil fis-suq tax-xogħol, l-Istati Membri adottaw **rakkomandazzjonijiet**: huma jħeġġu r-reġistrazzjoni tal-persuni qiegħda għal żmien twil ma' servizz ta' impjieg, valutazzjoni individwali approfondita li tidentifika l-ħtiġijiet tagħhom, kif ukoll pjan imfassal apposta biex jeħodhom lura x-xogħol (ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg). Dan ikun disponibbli għal kwalunkwe persuna li tkun ilha qiegħda għal 18-il xahar.

Assenza fit-tul mix-xogħol ta' sikwit twassal għall-qgħad u biex il-ħaddiema jħallu s-suq tax-xogħol b'mod permanenti. Biex jinżammu u **jiġu integrati mill-ġdid fil-post tax-xogħol** il-ħaddiema li jbatu minn korrimenti jew problemi tas-saħħa kroniċi, fl-2018, il-Parlament Ewropew ifformula **għadd ta' miżuri** biex l-Istati Membri jaħdmu fuqhom, bħal pereżempju jagħmlu l-

postijiet tax-xogħol aktar adattabbli permezz ta' programmi tal-iżvilupp tal-ħiliet, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli u jipprovdu appoġġ lill-ħaddiema (inkluż ikkowċjar, aċċess għall-psikologu jew terapista).



Filmat

https://multimedia.europarl.europa.eu/en/video/v_N01-PUB-180529-WORK

Promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema

It-tisħiħ tal-mobilità tal-ħaddiema bejn il-fruntieri jista' jgħin biex jiġi indirizzat il-qgħad. L-UE għandha ġabra ta' regoli komuni stabbiliti biex jiġu protetti d-**drittijiet soċjali taċ-ċittadini** relatati mal-qgħad, mal-mard, mal-maternità/paternità, mal-benefiċċji tal-familja eċċ. meta jiċċaqalqu fl-Ewropa. Regoli dwar l-**istazzjonar tal-ħaddiema** li jistabbilixxu l-prinċipju tal-istess paga għall-istess xogħol fl-istess post tax-xogħol.

Tgħallem aktar dwar [dak li tagħmel l-UE fir-rigward tal-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-impjiegi](#)

Skopri aktar dwar il-politiki soċjali tal-UE

- [Kif l-UE ttejjeb id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol](#)
- [Impjieg taż-żgħażaġħ: il-miżuri tal-UE biex tiffunzjona](#)
- [It-titjib tas-saħħa pubblika: Spjegazzjoni tal-miżuri tal-UE](#)
- [Il-ġlieda tal-Parlament għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE](#)

Tgħallem aktar

Briefing: [Il-Ġlieda kontra l-Qgħad \[EN\]](#)

Skeda informattiva: [Il-politika tal-impjiegi](#)

Skeda informattiva: [Il-Fond Soċjali Ewropew Plus](#)